22002D0174

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 174/2002

tas-6 ta' Diċembru 2002

li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emend mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 149/2002 tat-8 ta' Novembru 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lil kisi iebes tal-paviment ([2]) għandha tiġi nkorporata ġol-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 2eu (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/255/KE) t'l-Anness XX tal-Ftehim:

"2ev. **32002 D 0272**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/272/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-eko-tikketta Komunitarja lil kisi iebes tal-paviment (ĠU L 94, tal-11.4.2002, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2002/272/KE bil-lingwi Islandika u Norveġika, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2002, bil-kondizzjoni li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lil Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 19, tat-23.1.2003, p. 21.
([2]) ĠU L 94, tal-11.4.2002, p. 13.
(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON